# Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika

**Dikjarazzjoni tal-missjoni**

Għall-formulazzjoni, żvilupp u promozzjoni ta' politika progressiva fl-immaniġġjar tar-riżorsi umani, strateġiji u sistemi amministrattivi għat-tisħiħ tad-direzzjoni tal-Gvern u l-għoti ta' servizz effiċjenti lill-pubbliku.

**L-Organizzazzjoni**

L-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, huwa mmexxi u kkoordinat mid-Direttur Ġenerali (PAHRO), bl-assistenza ta' żewġ (2) direttorati importanti, li huma d-Direttorat tar-Riżorsi u d-Direttorat tal-Human Resources Management Systems.

Id-Direttur Ġenerali (PAHRO) tipprovdi appoġġ kontinwu u tassisti lis-Segretarju Permanenti Ewlieni, u permezz tiegħu, lill-Prim Ministru jew il-Ministru responsabbli għar-riżorsi umani fl-Amministrazzjoni Pubblika. Barra minn hekk, tidderieġi u tikkoordina l-funzjonijiet u l-attivitajiet tal-Direttorati li jikkostitwixxu l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u tissorvelja l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, direttivi u regolamentazzjoni relatata mal-qasam. Filwaqt li tipprovdi direzzjoni lill-ministeri dwar il-funzjonijiet strateġiċi, tattiċi u operattivi li għandhom x'jaqsmu mal-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani, dan l-uffiċċju huwa ċentrali għall-ħidma kollettiva tal-Amministrazzjoni Pubblika billi jikkontribwixxi biex jinħolqu *policies* li jindirizzaw kemm il-ħtiġijiet organizzattivi u l-bżonnijiet tal-impjegati, billi jiġu fformulati u implimentati ideat u metodi innovatttivi. L-Uffiċċju huwa regolarment impenjat sabiex jissimplifika l-proċessi u jiddelega l-funzjonijiet operattivi, sabiex titnaqqas il-burokrazija żejda, id-deċiżjonijiet jittieħdu qrib is-sors u tiżdied l-effiċjenza.

Matul is-sena 2015 komplew jittieħdu diversi inizjattivi favur it-tisħiħ u t-tiġdid tas-Servizz Pubbliku. Fost dawn insibu:

- L-evalwazzjoni tal-Performance Management Programme (PMP) eżistenti bl-iskop li jittejjeb għall-benefiċċju tal-impjegati u l-*management*;
- Implimentazzjoni ta' ħames Moduli tar-Riżorsi Umani biex jikkumplimentaw is-sistema eżistenti tad-Dakar;
- Tlestija ta' 'l fuq minn 50 Standard Operating Procedures fil-PAHRO;
- Tħejjija għal ftehim ġdid għall-gradi tas-Servizz Ġenerali;
- Delegazzjoni tal-proċess tal-għażla u tal-ħatra;
- Rikonoxximent ta' *leave* bla ħlas;
- Bord tal-Komparabilità u Panel ta' Reviżjoni;
- Librerija diġitali tal-PAHRO.

# Direttorat tal-Human Resources Management Systems

Il-funzjonijiet tad-Direttorat tal-Human Resources Management Systems għas-sena 2015 kienu dawn:

- L-immaniġġjar u l-manutenzjoni tas-sistema tas-salarji tal-Gvern, kif ukoll il-ħlas f'ħinhom tas-salarji, *bonuses*, sahra u *allowances* lill-persuni kollha li jitħallsu minn din is-sistema;
- Il-monitoraġġ tas-sistema preżenti tal-prestazzjoni tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku biex il-prestazzjonijiet tal-impjegati (PMP) jitjiebu dejjem aktar meta mqabbla ma' *standards* ta' kwalità approvati, filwaqt li jinbeda x-xogħol biex tkun introdotta sistema ġdida li permezz tagħha tkun tista' tiġi mkejla l-prestazzjoni tal-uffiċjali pubbliċi b'mod aktar adekwat u effiċjenti;
- L-implimentazzjoni u l-introduzzjoni ta' moduli tar-riżorsi umani għas-Servizz Pubbliku, kif ukoll is-sapport meħtieġ fuq dawn is-sistemi;
- It-tkomplija tat-trasformazzjoni tad-Direttorat f'*hub* ta' informazzjoni għall-Amministrazzjoni Pubblika;
- L-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari mad-Diretturi tas-Servizzi Korporattivi, Diretturi tal-People Management u *Managers* tar-Riżorsi Umani, biex dejjem itejbu l-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam, u jkunu konxji ta' żviluppi ġodda u *policies* fil-qasam tar-riżorsi umani;
- L-amministrazzjoni u s-sapport tal-*website* tal-PAHRO, il-portal tar-reklutaġġ, u s-sezzjoni ristretta għall-*Managers* tar-Riżorsi Umani fuq l-*intranet* tas-Servizz Pubbliku;
- L-immaniġġjar u ż-żamma ta' dettalji tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku u s-Settur Pubbliku, biex tkun tista' tingħata informazzjoni regolari, eżatta, f'ħinha u kwalitattiva għal pjanar aħjar u biex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet għaqlin;
- It-twettiq ta' *servers* annwali tal-*leave* minħabba l-mard, u l-miżuri favur il-familja, kif ukoll *servers* speċifiċi oħrajn li jkun hemm bżonn minn żmien għal żmien.

**Is-sistema tas-salarji tal-Gvern**

Is-sistema kompjuterizzata tas-salarji tal-Gvern ġiet imtejba u sarulha numru ta' *upgrades* matul is-sena biex tkun aktar effiċjenti u sikura, filwaqt li jkun żgurat li tkun dejjem aġġornata bl-aktar ħtiġijiet riċenti, speċjalment dawk li joħorġu mid-Diskors tal-Baġit.

F'Settembru ta' din is-sena, is-sistema tpoġġiet fuq *server* virtwali b'teknoloġija HyperV, li hu pjattaforma tat-teknoloġija tal-informatika mill-aktar moderna u effiċjenti, u dan bi preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' sistema ġdida u komprensiva tal-immaniġġjar tar-riżorsi umani. Din is-sistema ġiet maqsuma f'żewġ sistemi distinti u separati minn xulxin, waħda għall-istudenti li huma intitolati għal stipendju li mhuwiex taxxabbli, u oħra għall-kumplament tal-impjegati li d-dħul tagħhom hu taxxabbli. Din tejbet l-andament u l-effiċjenza taż-żewġ sistemi.

Id-Direttorat iħallas madwar 50,000 persuna kull erba' ġimgħat, li jinkludu wkoll studenti tal-Università, tal-MCAST, tal-Junior College u studenti tal-IST. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-impjegati jirċievu wkoll *payslips* u FS3s permezz tal-*email*, biex b'hekk is-Servizz Pubbliku rnexxielu jnaqqas konsiderevolment il-*carbon footprint* tiegħu, kif ukoll il-ħela fl-użu tal-karta.

Għaddejjin ukoll b'pass mgħaġġel preparamenti biex is-sistema tas-salarji jsirilha aġġustament biex tibda tkun tista' tintaxxa lil dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija li jaħdmu doveri *extra* bil-15%, u mhux bir-rata eżistenti ta' 25%. Din il-miżura, li trid tiġi fis-seħħ mill-ewwel ta' Jannar tas-sena d-dieħla, toħroġ mid-Diskors tal-Baġit ta' din is-sena.

### Taħriġ fil-kompetenzi tas-Salarji

Dan id-Direttorat, flimkien maċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u t-Taħriġ (CDRT), organizza diversi sessjonijiet ta' taħriġ fil-kompetenzi varji tas-salarji tas-Servizz Pubbliku. Żewġ sessjonijiet kienu intiżi għall-impjegati tas-salarji fil-Ministeri u d-dipartimenti, filwaqt li erba' sessjonijiet oħra kienu għall-impjegati tas-Sezzjoni Ċentrali tas-Salarji t'Għawdex. B'kollox kienu mħarrġa madwar ħamsin impjegat tas-salarji fil-Ministeri u d-dipartimenti, kif ukoll erbatax-il impjegat tas-Sezzjoni Ċentrali tas-Salarji t'Għawdex. Fis-sessjonijiet kollha, l-impjegati ngħataw taħriġ *hands-on* fuq is-sistema kompjuterizzata eżistenti tas-salarji tal-Gvern. Dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ huma importanti biex ikunu magħrufa u standardizzati proċessi u proċeduri marbuta mal-komputazzjoni ta' salarji u *allowances* tal-impjegati fis-Servizz Pubbliku, kif ukoll biex ikunu diskussi diffikultajiet li dawn l-impjegati li jaħdmu s-salarji jista' jkollhom, biex jitnaqqsu kemm jista' jkun żbalji f'dan ir-rigward. Aktar sessjonijiet ta' taħriġ huma ppjanati għas-sena d-dieħla.

### Implimentazzjoni ta' ħames Moduli tar-Riżorsi Umani biex jikkumplimentaw is-sistema eżistenti tad-Dakar

Id-Direttorat qiegħed fil-fażijiet finali biex jimplimenta l-*Core Module*, li hi l-magna ċentrali li ser tħaddem il-moduli li għadhom kemm inxtraw minn sensiela ta' ħames moduli tar-riżorsi umani. Dawn il-moduli huma intiżi biex jeħlu direttament mas-sistema presenti tas-salarji tad-Dakar, li għandha eventwalment twassal għal sistema komprensiva u kompleta tar-riżorsi umani għas-Servizz Pubbliku kollu. Dan għandu jwassal biex il-PAHRO u l-Ministeri kollha jiksbu informazzjoni utli u ta' valur imqabbla mal-oġġettivi strateġiċi tas-Servizz. Il-moduli l-oħrajn ser ikunu implimentati matul is-sena d-dieħla.

### Il-Modulu tal-Ħiliet u l-Kwalifiki

Għaddej b'pass mgħaġġel ix-xogħol fuq l-ewwel modulu minn sensiela ta' ħamsa li ser ikunu implimentati madwar is-Servizz Pubbliku. Il-qafas u l-i*screens* ta' din is-sistema tfasslu flimkien mal-kuntrattur, u qed jiġi mħejji biex isirlu *upload* tad-data. Din id-data, li kienet inġabret mill-iSkills Profiling Exercise, qiegħda tiġi organizzata u ffiltrata biex tippopola dan il-modulu ġdid tal-ħiliet u kwalifiki tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku, li għandu jmur *live* matul l-ewwel kwart tas-sena d-dieħla.

## Il-*Performance Management Programme* (PMP)

Dan id-Direttorat kompla bil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-**Performance Management Programme (PMP)** fil-Ministeri u d-dipartimenti tas-Servizz Pubbliku.

Matul ix-xhur ta’ April u Ġunju, dan id-Direttorat ivverifika jekk il-**PMP** kienx infetaħ għall-persuni kollha eliġibbli, għall-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ Jannar 2015 u l-31 ta’ Diċembru 2015. Din il-verifika kienet segwita b’verifika oħra bejn ix-xhur ta’ Lulju u Diċembru tal-istess sena, biex ikun żgurat li kull min hu eliġibbli għandu dan il-programm ta’ prestazzjoni miftuħ kif suppost.

Ir-rata globali ta’ konformità tal-**PMP** għas-sena 2015 rat żieda ta’ 1% fuq dik tas-sena l-oħra – minn 92% għal 93%. Tmien (8) Ministeri rreġistraw rata ta’ konformità ta’ 100%, tliet (3) Ministeri oħra ta’ 97%, u Ministeru wieħed (1) ta’ 96%. Sar ukoll rapport li juri r-rata globali ta’ konformità għal kull Ministeru matul is-sena ta’ 2015. F’Appendiċi VII, ta’ dan ir-rapport hemm *bar graph* li turi r-rata globali ta’ konformità tal-**PMP** għal kull Ministeru matul is-sena 2015.

Bħalissa qegħdin isiru diskussjonijiet dettaljati mal-partijiet interessati biex tkun imfassla sistema oħra ta’ prestazzjoni b’mod aktar adekwat u effiċjenti. Twaqqaf ukoll *working group* bil-għan li jidentifika n-nuqqasijiet fis-sistema eżistenti, u jressaq rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu indirizzati.

## Laqgħat organizzati mid-Direttorat

Id-Direttorat organizza erba’ laqgħat għad-Diretturi tas-Servizzi Korporattivi u Diretturi tal-People Management, kif ukoll laqgħa oħra għad-Diretturi tas-Servizzi Korporattivi u Diretturi tal-People Management u *Managers* tar-Riżorsi Umani f’daqqa. Ġew organizzati wkoll żewġ laqgħat għall-*Managers* tar-Riżorsi Umani tas-Settur Pubbliku.

Is-suġġetti diskussi varjaw minn HR Compliance and Service Quality Audits u The New Outsourcing Framework, sa diskussjonijiet fuq *policies* ġodda li l-PAHRO jkun qiegħed iħejji minn żmien għal żmien. Saru wkoll għall-ewwel darba żewġ laqgħat mal-*Managers* tar-Riżosi Umani tas-Settur Pubbliku, fejn kienet diskussa l-Full-Time Equivalence (FTE) Data.

Dawn il-laqgħat isiru sabiex dejjem jitjiebu l-kompetenzi ta’ dawn il-persuni f’dan il-qasam, u biex ikunu konxji ta’ żviluppi ġodda u *policies* fil-qasam tar-riżorsi umani.

**Il-Portal tar-Reklutaġġ**

Ġew identifikati numru ta' proċessi li jridu jkunu ssimplifikati fis-sit elettroniku recruitment.gov.mt. Dan is-sit huwa portal fejn wieħed jista' japplika *online* għal gradi jew pożizzjonijiet fis-Servizz Pubbliku. Dawn il-proċessi huma intiżi biex jissimplifikaw u jħaffu l-proċess tal-applikazzjonijiet *online*, u b'hekk jiżdied ukoll l-użu ta' dan is-sit. Elenku ta' dawn il-proċessi simplifikati għadda għand il-kuntrattur, u qiegħed isir it-*testing* neċessarju qabel jitpoġġew fuq is-sistema *live*.

**Protezzjoni tad-Data (DP) u Libertà tal-Informazzjoni (FOI)**

Matul is-sena kien hemm seba' (7) talbiet biex issir riċerka madwar is-Servizz Pubbliku li ġew approvati mill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data (DPO) tad-Direttorat wara li l-każijiet kollha jkunu ġew skrutinizzati biex ikun żgurat li mhix qiegħda tiġi mitluba informazzjoni eċċessiva. Lejn l-aħħar tas-sena saret ukoll verifika tal-protezzjoni tad-data fid-Direttorat, bħala parti mit-taħriġ kontinwu li qegħdin jingħataw l-uffiċjali li għandhom dan ir-rwol. Matul l-istess sena ma kienx hemm talbiet tal-Libertà tal-Informazzjoni (FOI).

Matul l-istess żmien, id-Direttorat emenda wkoll il-Proċeduri Korporattivi tal-Protezzjoni tad-Data fejn jidħlu l-proċessi tar-riżorsi umani. Dan sar flimkien mat-Taqsima tal-Protezzjoni tad-Data tal-MSDC.

**Appendiċi**

Appendiċi I sa VIII juru:

I Ir-Reklutaġġ meta mqabbel mat-Tmiem tal-Impjiegi fis-Servizz Pubbliku - 2005 sa 2015;

II It-Tqassim tal-Impjegati tas-Servizz Pubbliku, skont il-Kategorija u s-Sess, kif kienu f'Diċembru, 2015;

III L-Età Medja fil-Klassi tas-Servizz Ġenerali, maqsuma skont is-Sessi – 2005 sa 2015;

IV L-Età Medja fil-Klassi tas-Servizz Ġenerali, skont il-Grad u s-Sess, kif kienet f'Diċembru, 2015;

V Tabella li tqabbel it-totali tal-Uffiċjali Pubbliċi – 31 ta' Diċembru, 2014 mal-31 ta' Diċembru, 2015;

VI *Pie Chart* li tikkumpara r-raġunijet varji li permezz tagħhom impjegati tas-Servizz Pubbliku temmew l-impjieg matul is-sena 2015;

VII Ir-rata ta' Konformità tal-PMP matul is-sena 2015, maqsuma skont il-Ministeri;

VIII Tabella li turi t-Tqassim tal-Impjegati tas-Servizz Pubbliku, maqsumin skont is-Sess – 2005 sa 2015.

# Ingaġġ kontra Tmiem tal-Impjieg fis-Servizz Pubbliku

## 2005 – 2015



# Impjegati tas-Servizz Pubbliku maqsuma skont il-Kategorija u s-Sess

## 31 ta' Diċembru, 2015



Klassi tas-Servizz Ġenerali

Età Medja sena b'sena skont is-Sess

Diċembru, 2015



*Klassi tas-Servizzi Ġenerali*

Età Medja skont il-Grad u s-Sess

Diċembru, 2015 (skont il-grad sustantiv)



# Uffiċjali Pubbliċi

jinkludu wkoll uffiċjali pubbliċi sekondati/iddettaljati ma' awtoritajiet/entitajiet pubbliċi

31 ta' Diċembru 2014/2015

| Kategorija | Diċ 2014 | | Diċ 2015 | |
|---|---|---|---|---|
| **Uffiċjali Pubbliċi** | | | | |
| Amministrattivi u Klerikali | 3641 | | 3580 | |
| Messaġġiera | 153 | | 144 | |
| Tobba | 862 | | 981 | |
| Gradi Professjonali Oħra | 593 | | 607 | |
| Infermiera/Paramediċi | 5251 | | 5610 | |
| Gradi tal-Edukazzjoni | 5927 | | 6000 | |
| Pulizija | 1916 | | 2064 | |
| Gradi Dipartimentali Oħra | 3137 | | 3133 | |
| Gradi Tekniċi u ta' Superviżjoni | 1825 | | 1834 | |
| Industrijali | 2932 | **26237** | 2764 | **26717** |
| **Uffiċjali Pubbliċi Temporanji** | | | | |
| Impjegati *Part-Time* | 45 | | 36 | |
| Impjegati Temporanji | 130 | | 8 | |
| Impjegati b'Kuntratt Definit | 2404 | | 2430 | |
| *Trainees* | 0 | **2579** | 2 | **2476** |
| **Uffiċjali Pubbliċi ma' awtoritajiet/entitajiet pubbliċi** | | **1532** | | **1452** |
| **TOTALI** | | **30348** | | **30645** |

## Impjegati li Temmew l-Impjieg minn mas-Servizz Pubbliku

## Jannar - Diċembru 2015



## Programm ta' Prestazzjoni (PMP)

## Komformità tal-PMP matul is-sena 2015 - maqsuma skont il-Ministeru



# Tqassim tal-Impjegati tas-Servizz Pubbliku - Maqsuma skont is-Sess

## Diċembru 2005 - Diċembru 2015



# Direttorat tar-Riżorsi

**Proġetti, Inizjattivi u Politiki**

***Tħejjija għal ftehim ġdid għall-gradi tas-Servizz Ġenerali***

Fl-2015 kien hemm taħditiet intensivi bejn il-Gvern (rappreżentat mill-PAHRO u mill-PACBU) u l-*unions* (General Workers Union u Union Ħaddiema Magħqudin) sabiex isir ftehim ġdid għall-gradi tas-Servizz Ġenerali. L-iskop aħħari ta' dan il-ftehim huwa li jimmarka qabża fil-kwalità ta' kif isir l-ingaġġ fil-gradi tas-Servizz Ġenerali u li jikkumplimenta l-istrutturi edukattivi t'evalwazzjoni tal-kwalifiki. Dan hu mistenni li jissarraf fil-mili ta' vakanzi fi żmien iqsar u riżorsi ta' kwalità ogħla.

Il-ftehim propost jirrikonoxxi l-kwalifiċi akkademiċi ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-proċess tal-għażla għall-mili ta' vakanzi fil-gradi tas-Servizz Ġenerali mingħajr il-ħtieġa li wieħed jerġa' jpoġġi għal eżami bil-miktub. Għal dan il-għan ġew esplorati diversi kunċetti innovattivi, bħall-introduzzjoni ta' testijiet psikometriċi, kemm verbali kif ukoll numeriċi, biex jieħdu post l-eżamijiet bil-miktub u li permezz tagħhom l-applikant jiġi assessjat fil-kompetenzi u abbiltajiet ġenerali kif ukoll dwar l-għarfien tal-esperjenza fis-servizz permezz ta' marki apposta waqt l-intervista.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Amministrazzjoni Pubblika li tirregola t-tqassim tar-riżorsi tagħha, ġie diskuss ukoll il-kunċett li applikant ikollu l-opportunità li jindika erba' oqsma ta' xogħol fejn jippreferi jaħdem, kemm-il darba jieħu l-ħatra. Dan ikompli jsaħħaħ il-prinċipju tal-iżvilupp kontinwu tal-impjegat, fejn il-kwalifiċi, ħiliet u kompetenzi jiġu, kemm jista' jkun, imqabbla man-natura tax-xogħol li wieħed ikun se jwettaq. Barra minn hekk, iċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ (CDRT) se jkun qed jorganizza programmi ta' taħriġ li jindirizzaw il-kompetenzi u ħiliet meħtieġa biex wieħed javvanza fil-Klassi tas-Servizz Ġenerali.

**Delegazzjoni tal-proċess tal-għażla u tal-ħatra**

Direttiva 9 dwar Id-Delega tal-Awtorità biex jitmexxew proċessi tal-għażla u jsiru ħatriet fis-Servizz Pubbliku ta' Malta nħarġet mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fit-18 ta' Settembru 2015 biex tħabbar id-delegazzjoni tal-proċess tal-għażla u tal-ħatra b'effett mill-1 ta' Frar 2016. Id-Direttiva hija intiża biex tissimplifika l-proċessi amministrattivi u tnaqqas il-burokrazija permezz tal-eliminazzjoni tal-ħtieġa li trid tintalab l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kull meta jridu jiġu stabbiliti kriterji ta' għażla, joħroġ riżultat, isiru ħatriet, jiġu posposti ħatriet u jiġu mġedda ħatriet għal terminu fiss.

L-emendi legali meħtieġa biex jippermettu din id-delega ġew finalizzati permezz tal-approvazzjoni, mill-Prim Ministru fis-16 ta' Settembru 2015, ta' Dokument ta' Delega skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni u żewġ settijiet ta' Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biex jissostitwixxu dawk eżistenti. Dawn id-dokumenti jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2016. Minn dik id-data, is-Segretarji Permanenti se jkollhom is-setgħa li japprovaw kriterji ta' għażla u allokazzjoni ta' marki; li jippubblikaw ir-riżultati tal-Bord tal-Għażla; li japprovaw,

jagħmlu u jipposponu ħatriet, wara proċess ta' għażla kompetittiva, fuq il-bażi ta' ordni tal-mertu valida, u li jġeddu ħatriet għal terminu fiss għat-tieni darba jew aktar, sakemm il-ħatra oriġinali tkun saret fuq il-bażi ta' għażla kompetittiva. Id-Direttiva kienet akkumpanjata minn Manwal fuq il-Proċess tal-Għażla u tal-Ħatra taħt awtorità delegata fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, li jispjega fid-dettall il-proċess li għandu jiġi segwit, mill-ħruġ tas-sejħa għall-applikazzjoni mill-Ministeru/Dipartiment sal-ħatra tal-kandidati mis-Segretarju Permanenti.

Direttiva 10 rigward 'Is-sottomissjoni u Approvazzjoni ta' Business u HR Plans' inħarġet mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fil-11 ta' Diċembru 2015. Permezz ta' dan id-Direttiva, is-Segretarji Permanenti għandhom is-setgħa li joħolqu vakanzi skont il-*budget* approvat, biex b'hekk id-delega tal-proċess tal-għażla u tal-ħatra, kif imħabbar permezz Direttiva 9, tkun sħiħa. Ir-rekwiżit ta' ppjanar bil-quddiem ta' riżorsi umani, flimkien mal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali, jimmiraw lejn il-kisba tal-aħjar daqs tas-Servizz Pubbliku u lejn il-kisba tal-għanijiet Ministerjali biex jintlaħqu l-miri stabbiliti. Barra minn hekk, il-proċess jiżgura prijorizzazzjoni tal-esiġenzi tar-riżorsi u l-prevedibbiltà fil-livelli tagħhom.

**Ittri ta' ħatra fir-rigward ta' ħatriet għal terminu fiss**

B'konformità mal-impenn tal-Gvern lejn is-simplifikazzjoni u wkoll bil-ħsieb li jiġu standardizzati u ssimplifikati l-proċeduri mmirati biex inaqqsu perjodi taż-żmien, il-prattika li jiġi ffirmat Ftehim bilaterali fil-każ ta' ħatra f'pożizzjoni għal terminu ta' żmien fiss twaqqfet. Minflok, ittri ta' ħatra issa qegħdin jinħarġu lill-uffiċjali pubbliċi kollha mal-ħatra, kemm jekk il-ħatra hija fi grad sustantiv/bħala "Uffiċjal fi Skala" kif ukoll fil-każ ta' pożizzjoni għal terminu ta' żmien fiss.

Ir-raġuni wara din l-emenda hija li l-kundizzjonijiet, il-benefiċċji u l-obbligi li joħorġu mid-dispożizzjonijiet tal-'Public Service Management Code' huma applikabbli għall-uffiċjali pubbliċi kollha, kemm jekk maħtura fuq bażi indefinita kif ukoll fuq bażi definita. Fil-fatt, klawżola dwar dan tidher kemm fl-istadju tar-reklam (jiġifieri fis-sejħa għall-applikazzjonijiet) kif ukoll fl-istadju tal-ħatra (jiġifieri fl-Ittra tal-Ħatra). Għalhekk, il-ħtieġa ta' ftehim bilaterali bejn il-Gvern u l-persuna maħtura fil-każ ta' ħatra f'pożizzjoni għal terminu ta' żmien fiss tqieset superfluwa.

Bħala miżura oħra lejn l-istandardizzazzjoni, l-uffiċjali pubbliċi huma, mal-ħatra, dejjem soġġetti għal perjodu ta' prova, kemm fil-każ ta' ħatra indefinita kif ukoll fil-każ ta' ħatra f' pożizzjoni għal terminu ta' żmien fiss.

**Politika dwar it-trasferiment lejn Għawdex ta' uffiċjali pubbliċi Għawdxin**

Bħala miżura lejn ġustizzja, konsistenza u trasparenza, il-politika dwar it-trasferiment lejn Għawdex ta' uffiċjali pubbliċi Għawdxin ġiet emendata u amplifikata bil-kjarifiki li ġejjin:

- min jista' jiġi inkluż fil-listi ta' stennija għat-trasferiment minn Malta għal Għawdex;
- kif tiġi determinata l-ordni ta' prijorità fuq il-listi ta' stennija;
- taħt liema ċirkustanzi jista' uffiċjal jitneħħa mil-lista ta' stennija;
- każijiet ta' meta uffiċjal ikun trasferit lejn Għawdex wara li jkun serva ż-żmien tiegħu f'Malta u jitlob biex jerġa' jiġi trasferit lura lejn Malta;

- każijiet ta' meta uffiċjal huwa offrut li jiġi trasferit lejn Għawdex wara li jkun serva ż-żmien tiegħu f'Malta iżda ma jkunx lest li jaċċetta tali trasferiment f'dak iż-żmien partikolari;
- każijiet ta' meta uffiċjal ikun maħtur għal pożizzjoni għal perjodu ta' żmien fiss f'Għawdex;
- x'jiġri meta uffiċjal ikun qed jaqdi dmirijiet fuq il-bażi ta' interess pubbliku jew ikun fuq *leave* bi ħlas jew bla ħlas fuq il-bażi ta' interess pubbliku jew ikun fuq kwalunkwe forma ta' *leave* bi ħlas meta jkun imissu li jiġi trasferit lejn Għawdex.

**Il-perjodu ta' prova**

Il-politika dwar l-estensjoni jew it-tmiem tal-perjodu ta' prova ġiet riveduta bil-għan li tippermetti ċerta flessibbiltà lill-Amministrazzjoni filwaqt li jkun żgurat li l-uffiċjali pubbliċi jibqgħu jgawdu d-dritt ta' appell lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. F'dan ir-rigward, dan id-Direttorat talab u kiseb il-qbil tal-Kummissjoni għal abbozz ta' Dokument ta' Delega taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni. Id-Dokument propost ser jieħu post dak tat-18 t'April 2009, u se jagħti s-setgħa lis-Segretarji Permanenti biex jestendu jew itemmu l-perjodu ta' prova għal kwalunkwe raġuni li tiġġustifika azzjoni bħal din, basta li l-uffiċjal konċernat jingħata l-opportunità li jappella lill-Kummissjoni kontra d-deċiżjoni meħuda mis-Segretarju Permanenti. Huwa mistenni li l-Istrument il-ġdid se jkun ippubblikat fl-2016.

**L-Iskema tas-Sostituti Każwali**

Bħala miżura lejn il-promozzjoni taż-żamma tal-għarfien istituzzjonali u l-iżgurar ta' kontinwità fl-operat, l-iskema tas-Sostituti Każwali ġiet riveduta.

Il-politika ġiet emendata sabiex, soġġett għall-konferma ta' prestazzjoni tajba kif ukoll id-disponibilità ta' vakanza oħra, Sostituti Każwali li l-kuntratt tagħhom jiġi terminat minħabba li l-uffiċjali li jkunu qed jissostitwixxu jerġa' lura għax-xogħol, jistgħu jiġu ġemellati ma' uffiċjal ieħor u jingħataw kuntratt ġdid, basta ma jkunx hemm waqfa fis-servizz. Il-politika ta' qabel ma kinitx tippermetti li Sostitut Każwali jiġi ġemellat ma' uffiċjal ieħor meta l-uffiċjal oriġinali jerġa' lura għax-xogħol.

**Impjieg permanenti u opportunitajiet ta' karriera għall-persunal tal-RSSL**

B'konformità mal-miżura tal-*budget* tal-2015, li permezz tagħha l-Gvern ikkommetta ruħu li jżid l-opportunitajiet għall-persunal tal-RSSL, sejħiet interni għall-applikazzjonijiet fis-Servizz Pubbliku issa qed ikunu miftuħa wkoll għal dawn l-impjegati, kif ukoll għall-impjegati tas-Settur Pubbliku li jkunu qed jaqdu dmirijiethom fis-Servizz Pubbliku.

***Rikonoxximent ta' leave bla ħlas***

Il-politika dwar ir-rikonoxximent ta' *leave* bla ħlas meta jiġi kkalkulat servizz fil-grad għal skopijiet ta' progressjoni u ta' promozzjoni ġiet aġġornata u allinjata mad-dispożizzjonijiet u r-regolamenti favur il-familja. Il-politika issa ġiet estiża biex tipprovdi għar-rikonoxximent ta' *leave* bla ħlas, sa perjodu ta' sena, li jkun ittieħed għal raġunijiet ta' miżuri favur il-familja.

Barra minn hekk, kull perjodu ta' *leave* bla ħlas li jittieħed bħala *leave* għall-ġenituri (jiġifieri perjodu ta' sena għal kull wild) huwa rikonoxxut bħala servizz fil-grad.

### Bord tal-Komparabbilità u Panel ta' Reviżjoni

Il-Bord tal-Komparabbiltà, imwaqqaf mill-PAHRO, jevalwa l-komparabbiltà tal-pożizzjonijiet tas-Settur Pubbliku fir-rigward tas-Servizz Pubbliku għal raġunijiet ta' eliġibbiltà għall-pożizzjonijiet ta' Assistent Direttur. Il-politika dwar kif jaħdem il-Bord tal-Komparabbilità kienet amplifikata aktar biex jitqiesu każijiet ta' meta l-Bord ma jkunx unanimu fil-konklużjonijiet tiegħu u membru jagħżel li jiffirma rapport ta' minoranza. F'każijiet bħal dawn, ir-rapporti ta' maġġoranza u ta' minoranza jiġu ppreżentati lid-Direttur (Riżorsi), li mbagħad isejjaħ Panel ta' Reviżjoni, kompost minn tliet (3) uffiċjali tal-PAHRO, biex jevalwa ż-żewġ rapporti. Il-konklużjoni finali tal-Panel tar-Reviżjoni tiġi kkomunikata liċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Komparabbiltà, li għandu mbagħad jipprovdi lill-applikant bl-evalwazzjoni miktub li tikkonsisti fil-konklużjonijiet tal-Panel ta' Reviżjoni. L-applikanti jistgħu jressqu petizzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi żmien ħamest ijiem (5) tax-xogħol mid-data meta ċ-Chairperson tal-Bord ta' Komparabbilità jikkomunika l-konklużjonijiet milħuqa.

### Taħriġ dwar riċerka u ġbir ta' statistika

L-Uffiċċju tas-Settur Pubbliku kien ingaġġat sabiex l-għanijiet misjuba fil-Proġetti 28, 30, 31 u 32 derivati mill-HR and Skills Development Strategic Policy Framework jintlaħqu. Uħud mill-għanijiet milħuqa derivati minn Proġetti 28 u 30 jikkonsistu minn taħriġ li ngħata lil uħud mill-impjegati tal-PAHRO sabiex ikunu jistgħu jagħmlu riċerka u jiġbru statistika fondata. Il-PAHRO organizza taħriġ kemm għal uħud mill-membri tiegħu u anki għall-Ministeri l-oħra kollha sabiex l-impjegati jitgħallmu kif janalizzaw l-informazzjoni miġbura permezz tal-programm SPSS bil-għan aħħari li jkunu kapaċi jiġġeneraw l-istatistika li tkun meħtieġa. Kull persuna li attendiet għal dan it-taħriġ għamlet eżami u għalhekk inħasset il-ħtieġa li dan it-taħriġ jiġi akkreditat mill-NCFHE permezz ta' għajnuna mis-CDRT. Ġie wkoll ippreparat taħriġ ta' induzzjoni għan-nies li ser jiġu maħtura jew trasferiti ġol-PAHRO fil-futur. Fl-istess ħin ġie stabbillit li jkun siewi li s-sezzjonijiet tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeri l-oħra jiġu mħarrġa kif għandhom joffru dat-tip ta' taħriġ lill-impjegati li jkunu ġew appuntati jew ġew trasferiti fil-Ministeru rispettiv. Fuq din il-bażi ġie fformulat taħriġ ta' kif għandu jingħata t-taħriġ t'induzzjoni fil-Ministeri.

### Librerija diġitali tal-PAHRO

Proġett 31 ġie konkluż u permezz ta' dan il-proġett twaqqfet il-librerija diġitali tal-PAHRO fuq l-*Intranet*. Kull impjegat tal-PAHRO għandu aċċess għal din il-librerija diġitali fejn jiġu depożitati dokumenti u preżentazzjonijiet relatati mal-qasam tax-xogħol fil-PAHRO. Din il-librerija ġiet marbuta mal-inizjattiva tal-Kaxxi tas-Suġġerimenti li jinstabu f'kull sular tal-PAHRO. F'dawn il-kaxxi l-impjegati tal-PAHRO jistgħu jaqsmu ideat innovattivi li jkunu żviluppaw wara li jkunu żaru l-librerija diġitali. Apparti minn hekk, dawn l-ideat innovattivi jistgħu jiġu diskussi b'mod kostruttiv waqt il-laqgħat tal-HR Policy Managers li jsiru kull xahar fil-PAHRO u li huma ppreseduti mill-Uffiċċju tas-Settur Pubbliku. Il-persuna li tkun żviluppat l-

idea tiġi mistiedna għal-laqgħa dakinhar li l-idea li tkun issottomettiet tkun ser tiġi diskussa. B'dan il-mod il-*management* tal-PAHRO qed juri biċ-ċar li lest li jilqa' ideat ġodda u saħansitra japplika dawn l-ideat jekk permezz tagħhom l-ambjent tax-xogħol ikun ser jitjieb u anki jekk dawn ikunu konformi mad-direttivi eżistenti.

**Taqsima tas-Settur Pubbliku**

Minn meta ġiet imnedija Direttiva 7 f'Jannar 2014, l-Uffiċċju tas-Settur Pubbliku sar joffri konsulenza u gwida lill-entitajiet tas-Settur Pubbliku li jkunu qegħdin fil-proċess ta' reklutaġġ sabiex ikunu konformi mad-delega. Dan l-Uffiċċju hu responsabbli li jżomm l-informazzjoni dwar l-entitajiet tas-Settur Pubbliku aġġornata u fl-istess ħin jieħu ħsieb jiġbor rapporti dwar ir-reklutaġġ li l-entitajiet ikunu għamlu u jżomm rendikont tal-Vacancy Forms approvati mis-Segretarji Pemanenti għar-reklutaġġ tal-impjegati fl-entitajiet.

L-Uffiċċju tas-Settur Pubbliku jieħu ħsieb it-talbiet ta' *secondment* mill-Ministeri sabiex impjegati mill-entitajiet tas-Settur Pubbliku jibdew jagħtu s-servizzi tagħhom lill-Ministeru li jkun qiegħed jagħmel it-talba għalihom. Dan l-uffiċċju jieħu ħsieb ukoll it-talbiet ta' *redeployment* skont artiklu 15A tal-Att dwar is-Servizzi tal-Impjieg u Taħriġ minn entitiajiet tas-Settur Pubbliku sabiex jirreklutaw impjegati ta' entitajiet oħra fis-Settur Pubbliku li jkunu meqjusin eċċessivi.

***Secondment***

Bil-għan li sseħħ il-mobilità, kif mixtieq, fi ħdan, u skont l-ispirtu tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, matul is-sena 2015, dan l-Uffiċċju rċieva, ipproċessa u ffinalizza mija u disgħin (190) talba ta' *secondment* sabiex impjegati tas-Settur Pubbliku jibdew jagħtu s-servizzi tagħhom f'Ministeri jew Dipartimenti tas-Servizz Pubbliku. Dawn it-talbiet kienu għal 190 impjegat ingaġġati ma': Enemalta Corporation/Engineering Resourcing Ltd (165); WSC (7); MEPA (3); Kunsill Malti għall-Isport, NSO, FES u ETC (2 kull entità); Kordin Grain Terminal, l-Università ta' Malta, MCCAA, AWAS, l-Awtorità tad-Djar, Malta Enterprise u MGA (1 kull entità).

Dawn l-impjegati tas-Settur Pubbliku ġew issekondati ma' dawn il-Ministeri: MEH–Saħħa (37); MFSS (30); OPR (23); MFIN (22); MEDE (20); MGOZ (18); MTI (13); MSDEC (9); OPM (8); MJCL (4); MSDC u MEH-Enerġija (2 kull Ministeru); MHAS u MEIB (1 kull Ministeru).

***Redeployment* skont artiklu 15A tal-Att dwar is-Servizzi tal-Impjieg u Taħriġ**

Matul is-sena 2015, dan l-Uffiċċju rċieva, ipproċessa u ffinalizza wieħed u erbgħin (41) talba ta' *redeployment* skont artiklu 15A tal-Att dwar is-Servizzi tal-Impjieg u Taħriġ minn entitiajiet tas-Settur Pubbliku. Dawn il-41 impjegat kienu minn dawn l-entitajiet: MRA (28); IPSL (7); WSC, Heritage Malta, AWAS, MEUSAC, MEPA u MCST (1 kull entità).

L-impjegati tas-Settur Pubbliku li ġew *redeployed* kienu 41 u ngħaqdu ma' dawn l-entitajiet: REWS (27); Heritage Malta (5); MCCAA (2); MCST, Malta Libraries, PBS Ltd, Identity Malta, AWAS, SEWCU u NCFHE (1 kull entità).

Dmirijiet oħra tal-Uffiċċju tas-Settur Pubbliku jikkonsistu f'talbiet minn entitiajiet tas-Settur Pubbliku sabiex isiru estensjonijiet tas-servizz għall-impjegati tagħhom li jkunu laħqu ż-żmien tal-irtirar u l-ivvettjar tal-Espressjonijiet ta' Interess li jiġu maħruġa minn entitiajiet tas-Settur Pubbliku sabiex dawn ikunu konformi mal-liġi, speċjalment Artiklu 7(4) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.81 - Regolamenti dwar kuntratti ta' Servizz għal terminu ta' Żmien Fiss. L-

uffiċċju tas-Settur Pubbliku hu responsabbli li jara li l-eliġibbilità fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali huma konformi ma' dawk preċedenti u f'każijiet fejn ikun sar xi tibdil, dan ikun ibbażat fuq raġunijiet konvinċenti.

## Taqsima tal-Gradi tas-Servizz Ġenerali

Matul is-sena l-PAHRO wettaq reviżjoni tal-proċessi kollha li jinħadmu fl-operat kollu li jsir mill-uffiċini tad-direttorati diversi, u b'riżultat ta' dan inkitbu u tlestew 'il fuq minn 50 Standard Operating Procedures (SOPs). Uħud minn dawn l-SOPs wara ġew mibdula għall-użu tal-uffiċċji tar-Riżorsi Umani fil-Ministeri minħabba d-delegi li se jkunu introdotti matul is-sena 2016.

Minħabba li, matul is-sena 2016 hu intiż li jkunu delegati lill-Ministeri numru ta' proċeduri li jirrigwardjaw l-operat tar-riżorsi umani, sar ħafna xogħol preparatorju. Dan ix-xogħol jirrigwardja d-*detailing*, *deployment* u *revocation* ta' uffiċjali pubbliċi ma' entitajiet fis-settur pubbliku; l-għoti ta' promozzjonijiet u l-*progressions* ta' uffiċjali pubbliċi fil-Klassi tas-Servizz Ġenerali u t-trasferiment ta' uffiċjali pubbliċi, kemm bejn id-dipartimenti fl-istess Ministeru, kif ukoll minn Ministeru għal ieħor. Sar xogħol ieħor flimkien mal-IMU u l-MITA li jirrigwardja applikazzjonijiet *online* fuq il-*portal* tal-gvern għall-użu ta' applikazzjoni għal mili ta' postijiet vakanti fil-gradi ta' Servizz Ġenerali wara ħruġ ta' sejħiet kemm pubbliċi kif ukoll interni. Saru taħditiet ukoll mas-CDRT sabiex uffiċjali pubbliċi ġodda, jew dawk li jiġu promossi, jingħataw it-taħriġ meħtieġ fil-kompetenzi rikjesti sabiex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom b'aktar effiċjenza.

### Uffiċjali pubbliċi ma' entitajiet pubbliċi

Matul 2015, sitta u għoxrin (26) uffiċjal pubbilku ġew *detailed* filwaqt li tmienja u għoxrin (28) uffiċjal pubbliku ieħor ġew *deployed* ma' entitajiet pubbliċi fis-settur pubbliku, kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Entità Pubblika | Numru ta' Uffiċjali Pubbliċi li ġew *detailed* |
|---|---|
| Enemalta Corporation | 1 |
| Malta Competition & Consumer Affairs Authority | 1 |
| Malta Council for Culture and the Arts | 1 |
| MCAST | 9 |

| Entità Pubblika | Numru ta' Uffiċjali Pubbliċi li ġew *deployed* |
|---|---|
| Employment and Training Corporation (ETC) | 2 |
| Foundation for Medical Services | 1 |
| Local Councils | 8 |
| Malta Council for Science and Technology | 3 |

| | |
|---|---|
| National Archives | 2 |
| National Commission for Further and Higher Education | 1 |
| Office of the Attorney General | 1 |
| University of Malta | 2 |
| Identity Malta Agency | 3 |
| Sustainable Energy & Water Conservation Unit (SEWCU) | 2 |
| Legal Aid Agency | 1 |
| Institute for Education | 1 |
| Regulator for Energy & Water Services (REWS) | 1 |
| **TOTAL** | **26** |
| | |
| | |

| | |
|---|---|
| Malta Information Technology Agency | 2 |
| Malta Investment Management Co Ltd (MIMCOL) | 2 |
| Office of the Commissioner for Voluntary Organisations | 1 |
| Projects Malta Ltd. | 2 |
| Grand Harbour Regeneration Corporation (GHRC) | 1 |
| The President's Foundation for the Wellbeing of Society | 1 |
| Malta Enterprise | 1 |
| Environment Landscapes Consortium (ELC) | 1 |
| Mediterranean Conference Centre (MCC) | 1 |
| Valletta 18 Foundation | 1 |
| Responsible Gaming Foundation | 1 |
| **TOTAL** | **28** |

**Statistika**

It-tabelli li ġejjin jagħtu informazzjoni dwar attivitajiet anċillari matul l-2015:

| Ħatriet f'Kategorija "A" | |
|---|---|
| **Pożizzjoni** | **Numru** |
| Assistent Direttur | 33 |
| F'kapaċità *Acting* | 10 |

| Ħatriet fi Gradi tas-Servizz Ġenerali (wara suċċess f'Eżamijiet Pubbliċi) | |
|---|---|
| **Grad** | **Numru** |
| Uffiċjal Prinċipali Anzjan | 0 |
| Uffiċjal Prinċipali | 0 |
| Assistent Uffiċjal Prinċipali | 0 |
| Uffiċjal Eżekuttiv | 0 |
| Skrivan | 0 |
| Messaġġier Anzjan | 0 |

| ***Files* tal-pensjoni pproċessati mid-Dipartiment** | |
|---|---|
| Gradi tas-Servizz Ġenerali (Diretturi/Assistenti Diretturi/ Uffiċjali fi Grad 5 u ogħla) | 7 |

| ***Re-employment* u *Re-instatement* ta' eks-Uffiċjali Pubbliċi** | |
|---|---|
| *Re-employed* | 51 |
| *Re-instated* | 5 |

| **Promozzjonijiet fi gradi ogħla tas-Servizz Ġenerali, soġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti, skont il-provvedimenti tal-Addendum u tal-Ftehim Settorjali tal-1993** |
|---|

| Grad | Numru |
| --- | --- |
| Minn Assistent Uffiċjal Prinċipali għal Uffiċjal Prinċipali | 3 |
| Minn Uffiċjal Eżekuttiv għal Assistent Uffiċjal Prinċipali | 20 |
| Minn Skrivan għali Skrivan Anzjan | 9 |

| **Progressjoni ta' Uffiċjali fi gradi tas-Servizz Ġeneral fi skala ta' salarju ogħla fi ħdan l-istess grad, soġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti** | |
| --- | --- |
| **Grad** | **Numru** |
| Uffiċjal Prinċipali Anzjan minn Skala 7 għal Skala 6 | 2 |
| Uffiċjal Prinċipali minn Skala 8 għal Skala 7 | 29 |
| Uffiċjal Prinċipali minn Skala 9 għal Skala 8 | 4 |
| Uffiċjal Prinċipali minn Skala 10 għal Skala 9 | 3 |
| Assistent Uffiċjal Prinċipali minn Skala 11 għal Skala 10 | 31 |
| Uffiċjal Eżekuttiv minn Skala 14 għal Skala 13 | 1 |
| Skrivan minn Skala 16 għal Skala 15 | 3 |
| Assistent Skrivan minn Skala 18 għal Skala 17 | 1 |
| Uffiċjal fuq Persunal Minuri minn Skala 13 għal Skala 12 | 0 |
| Messaġġier minn Skala 17 għal Skala 16 | 0 |
| Messaġġier minn Skala 18 għal Skala 17 | 0 |

| | |
|---|---|
| Messaġġier Anzjan minn Skala 16 għal Skala 15 | 0 |

| **Ċaqliq ta' persunal approvat mill-PAHRO** | |
|---|---|
| **Grad** | **Numru** |
| Gradi tas-Servizz Ġenerali | 105 |
| Gradi Dipartimentali | 79 |
| Gradi Tekniċi | 23 |
| Gradi Industrijali | 22 |
| Oħrajn | - |

| **Ċaqliq ta' persunal fi ħdan il-Ministeri approvat mis-Segretarju Permanenti rispettiv** | |
|---|---|
| **Grad** | **Numru** |
| Gradi tas-Servizz Ġenerali | 28 |
| Gradi Dipartimentali | 4 |
| Gradi Tekniċi | 2 |
| Gradi Industrijali | 9 |
| Oħrajn | - |

| **Ċaqliq ta' Uffiċjali Pubbliċi bejn is-Servizz Pubbliku u s-Segretarjati Privati f'Ministeri** | | |
|---|---|---|
| **Grad** | **Numru** | |
| | **Kuntratti Ġodda** | **Ritorn lejn is-Servizz Pubbliku** |
| Gradi tas-Servizz Ġenerali | 4 | 3 |

| | | |
|---|---|---|
| Gradi Dipartimentali | 1 | 1 |
| Gradi Tekniċi | 0 | 1 |
| Gradi Industrijali | 0 | 0 |
| F'pożizzjonijiet għal terminu fiss | 4 | 1 |

| **Ħatriet fi Gradi Dipartimentali, Tekniċi u Industrijali u f'pożizzjonijiet għal terminu ta' żmien fiss** | |
|---|---|
| **Metodu** | **Numru** |
| Wara sejħiet pubbliċi | 1804 |
| Wara sejħiet interni | 1009 |
| Wara sejħiet dipartimentali | 23 |
| Wara numru ta' snin servizz fil-grad (promozzjonijiet) | 75 |
| Wara rakkomandazzjoniet diretti | 15 |

| **Sejħiet għall-Applikazzjonijiet - Gradi Dipartimentali, Tekniċi u Industrijali u pożizzjonijiet għal terminu ta' żmien fiss** | |
|---|---|
| **Tip ta' Sejħa** | **Numru** |
| Gazzetta tal-Gvern | 172 |
| Sejħa interna (permezz ta' Ċirkulari tal-PAHRO) | 271 |
| Sejħa dipartimentali | 2 |
| Sejħa għal espressjoni ta' interess | 50 |

| **Rakkomandazzjoniet lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fir-rigward ta' Gradi Dipartimentali, Tekniċi u Industrijali u pożizzjonijiet għal terminu ta' żmien fiss** | |
|---|---|
| Persunal lokali | 156 |
| Persunal espatrijat | 38 |

| ***Files* tal-pensjoni proċessati mid-Dipartiment** | |
|---|---|
| Gradi Dipartimentali, Tekniċi u Industrijali | 222 |
| Gradi tas-Servizz Ġenerali (Diretturi, Assistenti Diretturi, Uffiċjali fi Grad 5 jew ogħla) | 7 |

| **Rakkomandazzjoniet oħrajn lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku** | |
|---|---|
| Assimilazzjonijiet | 25 rakkomandazzjoni li involvew 654 uffiċjal |
| *Re-designations* | 0 |
| Tiġdid ta' ħatriet għal terminu ta' żmien fiss | 51 rakkomandazzjoni li involvew 205 uffiċjal |